MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Numru 2/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Anthony Schembri**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 2006. Permezz ta' l-Att ta' Akkuza nru 2 tal-2005, presentat f'dik il-Qorti fis-17 ta' Jannar 2007, Anthony Schembri gie akkuzat mill-Avukat Generali bir-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Stephen Sam Portelli segwita bil-mewt ta' l-istess Portelli, liema

mewt grat fi zmien erbghin gurnata li bdew jghaddu mill-ahhar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt (l-ewwel kap), kif ukoll bir-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Carm James Grech maghmula permezz ta' arma regolari (it-tieni kap). L-incidenti sehhew barra l-istabbiliment "Insomnia", f'Paceville, fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Ottubru 2001.

**2.** B'verdett moghti fl-14 ta' Dicembru 2006 il-gurati b'sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra sabu lill-imsemmi Anthony Schembri hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza b'dan pero` li r-reat kien skuzabbli ghax sar fil-waqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu; fir-rigward tat-tieni kap, huma sabu lill-istess Schembri, bi tmien (8) voti favur u wiehed (1) kontra, hati skond dan il-kap (b'dan, pero`, li d-delitt ma giex maghmul b'arma regolari), dejjem pero` bl-istess skuzanti.

**3.** B'sentenza moghtija dak in-nhar stess li nghata l-verdett, il-Qorti Kriminali kkundannat lil Anthony Schembri ghall-piena ta' tnax-il (12) sena prigunerija (bit-tnaqqis tal-arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz) kif ukoll ikkundannatu jhallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal seba' mija u seba' liri u sebgha w tmenin centezmu (Lm707.87,0). Dik il-Qorti waslet ghal din is-sentenza wara li kkunsidrat is-segwenti:

**"Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur Dr. Jose` Herrera u s-sottomissjonijiet minnu maghmula, kif ukoll tal-abbli prosekutur Dr. Mark Said u tal-abbli Avukat tal-parte civile, Dr. Giannella Caruana Curran, dwar il-piena.**

**"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni llum stess u li d-difiza hadet konjizzjoni taghha.**

**"Qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe` :**

**1. Illi d-dikjarazzjoni ta' htija fuq l-Ewwel Kap, bl-iskuzanti, kienet bl-inqas verdett possibbli ta' sitt voti kontra tlieta, fil-waqt li dik dwar it-Tieni Kap kien verdett aktar car ta' tmin voti kontra wiehed u dan kellu jkun ta' aktar beneficcju ghall-hati peress illi l-Ewwel Kap kien wiehed aktar serju;**
**2. Li giet abbraccjata mill-gurati wahda mit-tezijiet tad-difiza li kienet tittraduci ruhha f'riduzzjoni ta' terz tal-piena possibbli;**
**3. Li c-cirkostanzi kienu tali li ma kienux jimmeritaw li l-hati jigi sentenzjat ghall-massimu tal-piena preskritt mill-ligi;**
**4. Li l-fedina penali tal-hati kienet turi biss kundanni tar-reati tat-traffiku u reati ta' natura kontravenzjonali;**
**5. Li ghalkemm il-kaz kien wiehed mill-aktar serji, kien fih element pjetuz peress li l-incident kien sbroffa minghajr l-ebda provokazzjoni ta' xejn da parti tal-hati w hu spicca vittma bla intenzjoni ta' xejn;**
**6. Li kif irrizulta mill-verdett, f'dan il-kaz ma kienitx intuzat arma regolari w mhux il-kaz li l-hati kien mar Paceville diga` armat b'xi arma regolari, bhal mus per ezempju;**
**7. Li l-gurisprudenza recenti, meta l-gurati kienu hargu b'verdetti simili, anki f'kazijiet ta' omicidju volontarju, bhal "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dominic Briffa", il-piena kienet giet imnaqqsa minn disa' snin ghal tmin snin mill-Qorti tal-Appell Kriminali w sentenzi ohra li kien jaf bihom hu f'kazijiet analogi, l-piena kienet aktar miti.**
**8. Illi l-piena ma kellix ixxaqleb lejn il-massimu;**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekutur Dr. Mark Said u cioe` :**

**1. Illi issa li nstemghu l-provi, kien jidher li l-akkuzi li resqet il-prosekuzzjoni kienu pjuttost minimi;**
**2. Li bil-verdett tal-gurija saret gustizzja mal-vittmi u mal-hati;**
**3. Illi skond l-Artikolu 232(a) u 17(b) tal-Kodici Kriminali, skond il-komputazzjoni tal-prosekuzzjoni, l-massimu tal-piena kien ta' erbatax il-sena prigunerija;**

**4. Li f'dan il-kaz l-azzjoni irresponsabbli da parti tal-hati kienet wahda li wiehed jiltaqa' maghha ta' spiss fl-ambjenti ta' Paceville;**
**5. Li mill-fedina penali tal-hati kien jidher li hu bniedem ta' temperament iraxxibbli u li taqbizlu malajr, ghalhekk il-hati kellu jigi punit b'mod gust u li l-piena ma kellix tkun ta' inqas minn tnax il-sena prigunerija biex jintbaghat messagg car lis-socjeta` li dawn l-incidenti banali ma jridux jibqghu jeskalaw ghall-konsegwenzi tragici, kif gara f'dan il-kaz.**

**"Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-parte civile Dr. Giannella Caruana Curran u cioe`:**

**1. Li fil-fehma tal-parte civile fic-cirkostanzi li rrizultaw mix-xhieda f'dan il-process kien jidher li l-akkuzi li ressaq l-Avukat Generali fl-Att tal-Akkuza kienu miti ghax dan kien kaz fejn intweriet certa determinazzjoni u vjolenza kbira;**
**2. Ghalkemm kien veru li l-hati ma kienx armat b'xi "flick knife" minhabba li qala' semplici "black eye" rajnih jeccita ruhu, jaqbad flixkun, ikissru, jisprintja lejn il-vittmi w l-ewwel ihanxar ghonq wiehed minnhom, umbaghad ihanxar ghonq l-iehor ukoll;**
**3. B'rizultat ta' dan l-agir, il-genituri ta' Stephen Sam Portelli spiccaw minghajr l-uniku tifel li kellhom;**
**4. Hawnhekk si tratta ta' zewg reati differenti u mhux ta' reati komprizi w involuti f'xulxin u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti kellha tmur ghall-piena massima.**

**"Ikkunsidrat:**

**"Illi f'dan il-kaz il-piena ghar-reat kontemplat fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe` ta' offiza gravi segwita bil-mewt bl-iskuzanti tal-passjoni istantanja u agitazzjoni tal-mohh hija ta' minimu ta' erba' snin prigunerija u massimu ta' tlettax il-sena u tmin xhur prigunerija, u dana skond l-Artikolu 220(1)(a), 227(c), 230(b) u 232(a) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li l-piena ghar-reat ta' ferita gravi izda mhux b'arma regolari u bl-iskuzanti tal-passjoni istantanja w agitazzjoni tal-**

**mohh hija dik ta' piena karcerarja minima ta' xahrejn (2) prigunerija sa wahda massima ta' sentejn (2) prigunerija w dana skond l-Artikolu 216(1), 227(c), 230(b) u 232(a).**

**"Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) dwar il-konkors tal-pieni, l-piena minima komplessiva hija ghalhekk wahda ta' erba' (4) snin u ghoxrin (20) jum u dik massima hija dik ta' erbatax (14) il-sena w tmin (8) xhur prigunerija.**

**"Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza *Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi* [30.7.2004] : -**

***""...Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika ."***

**"Illi dan il-principju rega' gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (kollegjali) fis-sentenza taghha *Ir-Repubbllika ta' Malta vs. Domenic Bonnici* [11.11.2004] fejn gie ritenut li :-**

***""Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibghatu messagg car...li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha il-piena ta' prigunerija b'effett immedjat."***

**"Illi din il-Qorti trid taghmilha cara illi hi trid tiddeciedi biss fuq l-akkuzi li kellha quddiemha kif ipprezentati mill-Avukat Generali u l-htija riskontrata mill-gurati fir-rigward ta' dawn l-akkuzi, u ghalhekk kull referenza li saret mill-abbli prosekutur u mill-abbli Avukat tal-parte civile dwar li l-akkuzi kienu miti mhux ser tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti meta tigi biex teroga l-piena.**

**“Il-fatti kienu ben noti mill-Avukat Generali mill-ezami tal-atti tal-kumpilazzjoni u xejn ma zammu milli jressaq akkuzi aktar gravi kieku ried.**

**“Illi ghalkemm il-fedina penali tal-hati mhix wahda reffrattarja ghall-ahhar b’dana kollu jidher li fuq firxa ta’ snin huwa kellu sitt kundanni mill-Qrati, tlieta minnhom li jirrigwardaw ksur tal-Ligijiet tat-traffiku, pero` kellu tlieta ohra li tnejn minnhom kienu jikkonsistu f’kundanni ghal storbju, glied u kliem oxxen u darba minnhom f’kundanna ta’ theddid lill-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku w addirittura b’arma w cioe` imterqa. Ghalhekk jidher li hu mhux l-ewwel darba li kiser difrejh mall-ligi f’reati konnessi ma’ glied.”**

**4.** Kif inghad, minn din is-sentenza appella l-hati Anthony Schembri b’rikors minnu ppresentat fil-5 ta’ Jannar 2007. Huwa qed jappella biss mill-piena u mhux ukoll mis-sejbien ta’ htija.

**5.** L-appellant bazikamemt jikkontendi li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena inflitta mill-ewwel qorti kienet eccessiva. L-appellant jaqbel li l-parametri tal-piena (ghaz-zewg reati fl-imkien) kienu minn minimu ta’ 4 snin u 20 gurnata sa massimu ta’ 14-il sena u 8 xhur (ara l-paragrafu mmarkat numru 2 taht l-intestatura “Illi l-aggravju huma cari u manifesti”, tielet pagna tar-rikors ta’ appell). Huwa jillanja li l-piena ma kellhiex tkun ixxaqleb lejn il-massimu taghha. Jikkontendi li hu ma kienx mar Paceville biex ifittex il-glied izda kien mar hemm mal-familjari tieghu biex jiddeverti, u spicca biex gie msawwat. Finalment huwa jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn il-piena kienet anqas minn dik li giet inflitta fuqu.

**6.** Jibda biex jinghad li kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser f’diversi okkazjonijiet, il-paraguni ma’ kazijiet ohra huma altament odjuzi. Ebda zewg kawzi ma jista’ jinghad li huma identici hlief, forsi, meta tnejn min-nies jippartecipaw fl-istess delitt, ghalkemm anke f’dawn il-kazijiet ir-responsabbilta` morali (soggettiva) u l-grad ta’ partecipazzjoni (responsabbilta` oggettiva) spiss ivarjaw

bejn il-kompartecipi, sia jekk ko-awturi u sia jekk komplici. F’kull kaz, din il-Qorti, aktar milli toqghod tipprova tqabbel kaz ma’ iehor – ezercizzju li proprjament ikun jirrikjedi mhux biss l-ezami tas-sentenzi ga mghotija izda tal-fatti u c-cirkostanzi kollha li jkunu taw lok ghal dawk is-sentenzi – trid tara jekk, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkollha quddiemha, il-piena erogata kienitx eccessiva jew sproporzjonata anke jekk kienet entro l-parametri stabbiliti bil-ligi.

**7.** Ghandu jigi precizat f’dana l-istadju li ghalkemm l-appellant jaqbel ma’ l-ewwel Qorti li l-piena komplessiva applikabbli kienet minn minimu ta’ 4 snin u 20 gurnata sa massimu ta’ 14-il sena u 8 xhur, la l-appellant u lanqas, bid-dovut rigward, l-ewwel Qorti, ma kienu korretti. In fatti zewg terzi (skond l-Artikolu 232(a) tal-Kap. 9) ta’ sitt snin minimu u ghoxrin sena massimu (Art. 220(1)(a)) iwasslu ghal piena – ghall-mument ghall-ewwel kap biss – ta’ **minimu ta’ 4 snin u massimu ta’ 13-il sena u 4 xhur**, u mhux massimu ta’ 13-il sena u 8 xhur. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b), il-parametri tal-piena komplessiva (ghaz-zewg reati) kellhom ikunu minn minimu ta’ 4 snin u 20 gurnata sa massimu ta’ **14-il sena u 4 xhur** (u mhux 14-il sena u 8 xhur), u dan ghaliex meta l-ligi, fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 17, titkellem dwar zieda “minn terz san-nofs”, il-minimu ghandu jizdied biss b’terz u l-massimu ghandu jizdied b’nofs, u dan sabiex dejjem ikun hemm aktar latitudini bejn il-minimu u l-massimu. B’dana kollu, pero`, ma jfissirx li l-piena erogata ma kienitx entro l-parametri tal-ligi – anke jekk wiehed jiehu l-komputazzjoni korretta, il-piena erogata kienet tirrientra f’dawk il-parametri.

**8.** F’dan il-kaz tilef hajtu zaghzugh, u zaghzugh iehor kien fil-perikolu tal-mewt. L-aggressjoni gratuita ta’ Schembri, wara li l-ewwel incident li beda gewwa l-istabbiliment aktar ’l fuq imsemmi – incident li kien jammonta ghal semplici *tafferuglio* bhalma spiss jinqalghu fi stabbilimenti tax-xorb – u li kien involut fih l-istess Schembri kien ghadda, u kollox deher li kkalma, u l-uzu minnu ta’ oggett – flixkun imkisser – li bih seta’ jaghmel l-aktar hsara liz-zewg zghazagh li lilhom ried ipattiha, huma zewg cirkostanzi li ma jistghux ma jinghatawx piz konsiderevoli fil-ghoti tal-

piena. Sinjifikanti hija wkoll id-direzzjoni lejn fejn kienu mmirati id-daqqiet jew tixjir ta' Schembri – lejn l-ghonq. L-istrument uzat u d-direzzjoni tad-daqqiet huma indikattivi hafna tal-hsieb li kellu l-appellant, hsieb li kien zgur fuq il-linja ta' demarkazzjoni bejn dak specifiku ta' omicidju volontarju u dak generiku ta' offiza fuq il-persuna. L-Avukat Generali deherlu li l-fatti kienu jindikaw it-tieni wiehed minn dawn l-intenzjonijiet, u gustament l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, qalet li x'setghu kienu l-akkuzi (cioe` flok dawk li effettivament hareg l-Avukat Generali) mhix cirkostanza li kienet ser tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena. Pero` l-gravita` oggettiva tal-incident – li allura tinkludi c-cirkostanzi kollha inkluza dik ta' l-istrument uzat u tad-direzzjoni tad-daqqiet vibrati – hija cirkostanza li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni.

**9.** Mehuda dawn ic-cirkostanzi kollha, din il-Qorti ma tara assolutament ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Ghalhekk tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------